MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 1278/2005

**Atlas Insurance Limited [C15239], kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Anthony Bartolo Parnis u l-istess Anthony Bartolo Parnis [ID 78263M]**

**Vs**

**Harold Portelli**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta` erba` mija u sebghin lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm470.51c) rapprezentanti rizarciment ta` danni kwantu ghal erba` mija u sittax-il lira Maltin u centezmu (Lm416.01c) lis-

socjeta` Atlas Insurance Limited u erbgha u hamsin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm54.50c) lil Anthony Bartolo Parnis ikkagunati mill-konvenut u subiti mill-atturi in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li gara Pembroke fit-12 ta` Novembru, 2004 waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura bin-numru ta` registrazzjoni EBC 887 u habat mal-vettura bin-numru ta` registrazzjoni GBP 665 proprjeta` ta` l-attur Anthony Bartolo Parnis li kienet ipparkjata u ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imperizja, imprudenza, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma sehhx b'tort tal-konvenut izda sehh purament minhabba *casus* hekk kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Sema` x-xhieda ta` Warden 174 Jesmond Buttigieg, Harold Portelli, Anthony Bartolo Parnis, Spettur Martin Sammut u ta` Warden 99 Mario Galea.

Sema` t-trattazzjoni ta` Dr Joseph Zammit McKeon ghall-atturi u ta` Dr Anne Marie Busuttil ghall-konvenut.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Mill-provi prodotti jirrizulta illi l-vettura bin-numru ta` registrazzjoni GBP 665 proprjeta` ta` l-attur Anthony Bartolo Parnis kienet ipparkjata fi Triq il-Fortizza, Pembroke. Il-konvenut Harold Portelli kien qed isuq il-vettura bin-numru ta` registrazzjoni EBC 887 fl-istess triq niezel 'l isfel u habat mal-vettura GBP 665 li kienet ipparkjata.

Certament l-attur ma kellu l-ebda responsabbilta` jew htija ghall-incident in kwistjoni. Il-konvenut qieghed isostni illi huwa habat mal-vettura ta` l-attur billi waqt li kien niezel Triq il-Fortizza harget karozza min-naha tal-lemin tieghu u

giet *wrong side*, huwa gibed lejn il-lemin u ghafas il-*brake* izda malli ghamel hekk il-karozza tieghu skiddjat u tilef il-kontroll taghha u b'hekk sehhet il-kollizjoni.

Dak il-hin ta` l-incident it-triq kienet imxarrba bix-xita izda sakemm gew il-Wardens it-triq nixfet u l-konvenut jghid illi hemm induna illi proprju fejn kien skiddja kien hemm serbut diesel fit-triq u ghalhekk imputa l-iskiddjar tieghu u telf tal-kontroll tal-vettura ghal dan id-diesel.

Illi fir-rigward ta` responsabbilta` rizultanti minn kollizjoni fejn wiehed mill-partijiet jallega li l-kollizjoni tkun sehhet minhabba skiddjar u li ghalhekk jissolleva d-difiza tal-forza magguri, t-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Prim' Awla tal-Qorti Civili preceduta mill-Onor. Imhallef Tonio Mallia fis-7 ta` Lulju, 2004 fl-ismijiet 'Josef Farrugia Vs Thomas Tanti'** li fiha nsibu rakkolta ta` gurisprudenza in materja u partikolarment it-Tribunal jaghmel referenza ghall-kawza hemm kwotata **'Hugh P Zammit nomine Vs Hector Carter' (Prim' Awla 20/10/1992)** fejn il-Qorti qalet:

"Huwa ben saput li skid tista` sservi ta` difiza jekk din tkun subatanea u mhux *self inflicted*, bhal per ezempju roqgha zejt f'nofs karreggjata fi triq altrimenti nadifa, izda f'cirkostanzi fejn din tista` tkun probabbli tenut kont il-kundizzjoni tat-triq, allura ma tibqax aktar difiza legittima jekk ma jigix pruvat li s-sewwieq uza d-diligenza kollha biex jevita l-iskid."

Inoltre, ssir referenza wkoll ghall-kawza deciza mill-**Qorti ta` l-Appell Kriminali fit-3 t`April, 2003 fil-kawza fl-ismijiet 'Pulizija Vs Kevin Caruana'** fejn intqal:

"Ghaldaqstant biex tirnexxi d-difiza ta` skid, jehtieg li l-imputat jipprova mhux biss l-iskid dovuta ghall-art tizloq, imma wkoll li l-iskid saret bla ebda negligenza tieghu u li hu jkun ha l-prekawzjonijiet kollha li ghandu jiehu sewwieq prudenti meta l-art tkun tizloq.  Meta sewwieq jipprova mhux biss il-fatt ta` l-iskid bhala tali imma jipprova wkoll li l-iskid saret bla ebda htija tieghu izda accidentalment b'mod li l-vettura bla htija tieghu w accidentalment saret

inkontrollabbli, allura hija eskluza n-negligenza li taghti lok ghar-responsabbilta` kriminali.”

Minkejja li din is-sentenza si tratta tar-responsabbilta` kriminali, l-argumenti huma simili hafna ghar-responsabbilta` civili.

Illi ghalhekk fil-kawza odjerna jinkombi fuq il-konvenut biex igib prova mhux biss illi saret l-iskid izda li l-iskid saret bla ebda negligenza tieghu u li hu jkun ha l-prekawzjonijiet kollha li ghandu jiehu sewwieq prudenti meta l-art tkun tizloq.

Huwa relevanti dak li xehed Warden 174 Jesmond Buttigieg fejn qal illi apparti illi ghamel notamenti dwar dak li qalulu z-zewg sewwieqa u li fil-fatt anki a tempo vergine Portelli kkonferma li kien hemm id-diesel fit-triq, huwa stess ghamel deskrizzjoni tal-kundizzjoni tat-triq fis-sens illi kienet:

“ ‘Wet and oil and diesel’ jigifieri kienet ix-xita u kien hemm iz-zejt u d-diesel ma` l-art.”

L-istess Warden fix-xhieda tieghu anki mmarka fuq l-iskizz bil-lapes strixxa twila fejn kien jidher tali zejt.

Il-konvenut isostni illi dan kien l-uniku incident u ma kienx hemm incidenti ohra. Il-fatt li xehed l-Ispettur Martin Sammut ma jfissirx li ma kienx hemm incidenti u dan billi fiz-zmienijiet in kwistjoni, l-kollizjonijiet kienu jigu nvestigati mill-Wardens u mhux mill-Pulizija u sahansitra l-Ispettur Martin Sammut lanqas kellu rapport dwar l-incident mertu tal-kawza.

Xehed ukoll Warden 99 Mario Galea pero` li kkonferma li l-incident de quo kien l-uniku wiehed li gie rrapportat fil-lokal bejn il-11, 12 u t-13 ta` Novembru, 2004. Dan kollu ma jfisser xejn ghaliex li huwa relevanti ghal dan it-Tribunal mhux li jkun hemm multiplicita` ta` incidenti izda kif sehh l-incident mertu tal-kawza u l-kawza ta` l-istess incident. X’ghamlu sewwieqa ohrajn, ghalkemm certu kazijiet dan jista` jkun ta` relevanza, f’dan il-kaz it-Tribunal

huwa tal-fehma illi mir-rizultanzi processwali, l-fatt li m'hemmx provi li kien hemm kollizjonijiet ohrajn ma jbiddel xejn mir-rizultanzi processwali ghal kif sehhet il-kollizjoni.

It-Tribunal huwa tal-fehma li jirrizulta pruvat illi dakinhar ta` l-incident it-triq kienet imxarrba minhabba x-xita u l-konvenut kien qed isuq b'mod normali u prudenti u ghalhekk taht cirkostanzi simili huwa kien jibqa` miexi ghad-dritt u ma kien jinholoq l-ebda incident. Graw pero` zewg fatturi li fuqhom il-konvenut ma kellu l-ebda kontroll. L-ewwel wahda illi harget ghall-gharrieda min-naha tal-lemin tieghu karozza li minhabba fiha huwa kellu jiehu manuvra evasiva billi jikser lejn ix-xellug u anki jzomm il-*brake*. Gara illi meta l-konvenut ghamel dawn il-manuvri l-karozza tieghu skiddjat u jirrizulta pruvat illi minhabba li t-triq kienet imxarrba bix-xita u kien hemm likwidu li jizloq li probabbilment kien diesel, il-vettura tieghu skiddjat ferm aktar milli kieku kienet tiskiddja kieku t-triq kienet imxarrba biss bix-xita.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi ghalkemm normalment skidding fih innifsu huwa fattur newtrali li la jipprova negligenza u lanqas jipprova *casus*, fil-kaz odjern jirrizulta pruvat illi l-iskidding sehh minhabba zewg fatturi li fuqhom il-konvenut ma kellu l-ebda kontroll u ghalhekk it-Tribunal huwa sodisfatt illi fil-kaz odjern tirnexxi d-difiza tal-kaz fortuwitu u cjoe` d-difiza tal-*casus* u konsegwentement it-talba attrici ghandha tigi michuda.

Minhabba l-komplessita` tal-kaz it-Tribunal jidhirlu pero` li ghandu jkun hemm temperament fuq il-kap ta` l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici billi tirrizulta pruvata d-difiza tal-*casus* sollevata mill-konvenut izda fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Av. Peter Borg Costanzi**
**Gudikant**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------